# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2001**

**Numru: 29**
**Citaz. Numru: 1083/01/RCP**

**Emmanuel u Alfred ahwa Cauchi**

**vs**

**BCF Holding Limited u Martin Ferry**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premettew:

Illi bis-sahha ta' skrittura privata datata 29 ta' Settembru 2001 (Dok A) l-atturi kienu taw b'titolu ta kera lis-socjeta konvenuta accettanti l-fond kummercjali gia maghruf bl-isem ta' "Landmark

Restaurant" gewwa Triq Francis Zahra, numru 3A, Mellieha.

Illi skond l-istess skrittura Dok A, il-konvenut *di proprio* kien dahal garanti solidali flimkien mas-socjeta konvenuta favur l-atturi versu l-obbligazzjonijiet finanzjarji assunti mill-imsemmija socjeta konvenuta fuq l-iskrittura hawn indikata;

Illi s-socjeta konvenuta hija moruza fil-hlas tal-kera versu l-ammont komplessiv ta' erba t'elef u erba mitt lira (Lm4,400) rapprezentanti zewg skadenzi ta' kera li ghalqu fl-1 ta Frar u fl-1 ta Mejju tas-sena 2001;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjoniiiet x'jaghtu kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn u l-atturi qeghdin jannettu ma dan l-att affidavit skond l-artikoli imsemmija, Dok B;

Illi l-istess konvenuti baqghu ma hallsux l-imsemmija skadenzi ta' kera nonostante li gew interpellati jaghmlu dan ghal diversi drabi nkluz permezz ta' ittra legali datata 3 ta' Mejju 2001;

L-istess atturi ghalhekk talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u taqta din l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond kif provdut fl-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm4,400 rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta minnkom kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra legali datata 3 ta' Mejju 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru datat 13 ta' Gunju 2001 u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data ta' kull skadenza kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-nota ta' l-atturi fejn cedew is-sorte u zammew ferm l-imghaxijiet relattivi stante hlas fil-mori tal-kawza u zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez;

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tiddikjara l-mertu ezawrit stante hlas tas-sorte u cessjoni tieghu. Tikkundanna fl-istess waqt lill-konvenuti li jhallsu l-kap ta' l-ispejjez interament.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**12 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001**